MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 28/2004

**Rikors numru 28/04DM**

**AIC Andre Zammit, Marie Louise Camilleri, Mae Zammit, Joe Zammit, Monica Santa, Victoria Melillo, Dr Joseph Zammit Maempel, Victoria Testaferrata Bonici, Nutar Joseph H Saydon, Beatrice Zammit Maempel, Dr George Zammit Maempel, u Edward Zammit Maempel**

**Vs**

**Charles Gauci**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors fejn Charles Gauci wara li ppremetta illi :

1. Permezz ta' ittra datata 2 ta' Awissu, 2004, huwa sar jaf ghall-ewwel talba bid-decizjoni precitata ta' dan il-Bord li ordna l-izgumbrament tieghu mill-ghalqa msejha 'Ta' Qarbuni' limiti ta' San Pawl il-Bahar tal-kejl ta'

circa 3834 metri kwadri u dana b'effett mill-15 ta' Awissu, 2004 ;

*2.* L-esponent ma kienx konsapevoli ta' dawn il-proceduri peress illi fiz-zmien tal-mori taghhom, huwa kien jinsab rikoverat fl-isptar San Luqa ghal diversi drabi ;

*3.* U peress illi l-istess sentenza hija afflitta minn difett legali fis-sens li 'is-sentenza tkun applikata l-ligi hazin' stante li r-rikors promotur kien gie ntavolat fi zmien aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza li kien imiss kif jirrizulta mill-istess atti processwali u kwindi bi vjolazzjoni cara ghall-Artikli 4(1) tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, liema vjolazzjoni tikkomporta maghha n-nullita' mhux sanzjonabbli ta' l-istess azzjoni.

Talbu lil dan il-Bord joghgbu jordna ghar-ragunijiet premessi li d-decizjoni fuq citata fl-ismijiet premessi tigi mhassra u minnflok jerga' jinstema l-kaz mill-gdid *ai termini* ta' l-Artikolu 811(e) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra ir-risposta ta' l-AIC Andre' Zammit et fejn esponew illi :

1. Il-procedura uzata mill-intimat Gauci hija rritwali u ghalhekk nulla.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi r-raguni moghtija mill-intimat ma tinkwadrax ruhha fl-Art. 4(1) tal-Kap. 199 billi huwa kien debitament notifikat skond il-ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esibiti

Ra r-rikors allegat numru 23/02;

Semgha t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidra:-

It-talba tar-rikorrent hija principalment ibbazata fuq l-allegazzjoni li r-rikors originali tal-AIC Andre Zammit u

ohrajn tal-25 ta Lulju 2002 (Nru 23/02) ma kienx gie nnotifikat lilhu skond il-ligi u dan a tenur ta’ l-artikolu 13(3) tal-Kap 199 li jissanzjoni l-applikazzjoni ta’l-Artikolu 811 tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ir-rikorrent isosstni li, nonostanti ir-riferta positiva dwar in-notifika tar-rikors originali fis-7 ta Awissu 2002, l-istess notifika ma tistghax titqies li hija valida billi f’dak il jum huwa kien rikoverat fl-Isptar San Luqa, fil-waqt li kellhu residenti fid-dar ta abitazzjoni lill-marthu u lill-ibnu ta 24 sena.

Pero’ ghalkemm assenza temporanea mir-residenza ordinarja ma taffettwax il-validita’ ta notifika f’idejn membri ta’ l-familja ta’ l-intimat residenti mieghu, f’dan il-kaz lanqas ma tirrizulta l-assenza temporanea allegata billi jirrizulta mill-“Case Summary” ta’l-intimat Gauci illi huwa kien gie rikoverat fl-Isptar fis-16 ta Ottubru 2002, iktar minn xaharejn wara in-notifika valida.

Ghalhekk ma tirrizultax il-kawsali indikata fl-Artikolu 811(b) tal-Kap12.

Konsegwentement, stante il-validita’ tan-notifika u r-regolarita’ tal-gudizzju originali, l-intimat Gauci ghandu jkun tenut li kien jaf bis-sentenza u bil-kontenut taghha f’dak il-jum li fih giet ippronunzjata. Ghalhekk l-ilment tieghu dwar xi applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza ta dan il-Bord tal-24 ta’ Marzu 2004 kellhu jigi ventilat quddiem il-Qorti ta’l-Appell a tenur ta’l-Artikolu 10 tal-Kap 199.

Izda jirrizulta li tali appell ma sarx u ghalhekk, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 812 tal-Kap 12, it-talba ghal ritrattazzjoni ma tistghax tigi kkunsidrata u wisq inqas akkolta.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ta Charles Gauci, ir-rikorrent f’dawn il-proceduri;

Bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------